# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 3 ta' Novembru 2000**

Numru 48

Citaz nru 181/94 DS

L-Avukat Dottor Stephen Thake ghan-nom tas-socjeta` Michele Peresso Limited u b'nota tas-17 ta' Ottubru 1994 assuma l-atti tal-kawza Emanuel Peresso ghan-nom ta' l-istess socjeta`

vs

Peter Paul Azzopardi

Illum, 3 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-14 ta' Frar 1994 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi s-socjeta' attrici topera, inter alia, bhal importatur u distributur ta' diversi prodotti.

Illi l-konvenut kien gie mpjegat mill-attur nomine bhala "sales representative" fit-2 ta' April 1992 u kellu bhala x-xoghol ossija funzjoni principali tieghu illi jdur il-hwienet u jbiegh u/jew jircievi l-ordnijiet ghall-bejgh tal-prodotti tas-socjeta' attrici.

Illi f'Jannar tas-sena korrenti 1994, beda jirrizulta lill-impjegati l-ohra tal-attur nomine u lill-istess attur nomine illi diversi klijenti tal-attur nomine kienu qieghdin jallegaw illi l-kontijiet taghhom mal-attur nomine kienu gew imhallsa minnhom "in parte" jew "in toto" lill-konvenut ma

ghaddiex is-somma hekk minnhu ppercepiti minghand dawn il-klijenti lis-socjeta' attrici.

Illi sallum is-somma hekk illegalment mizmuma mill-konvenut ghadha ma gietx definittivament likwidata.

Illi inoltre, f'Novembru tas-sena 1993, il-konvenut kien issellef is-somma ta' elfejn lira (Lm2000) minghand l-attur nomine.

Illi l-konvenut kien obbliga ruhu illi sat-28 ta' Jannar 1994 huwa jhallas ossia jirrifondi lill-attur nomine is-somma ta' elfejn (Lm2000) u jhallas ossija jghaddi lill-attur nomine s-somma ossia d-diversi somma imhallsa lilu mill-klijenti tal-attur nomine u minnhu illegalment mizmumu illi sa dakinhar kienu gew ikkwantifikati fis-somma ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2,600).

Illi akkont tad-debiti tieghu lill-attur nomine il-konvenut lill-attur nomine il-konvenut kien hallas is-somma ta' elf lira (Lm1000) fl-4 ta' Frar 1994.

Illi fil-frattemp pero' is-somma ta' elfejn u sitt mitt lira (Lm2,600) qeghda tigi progressivament riveduta u awmentata billi mit-28 ta' Jannar 1994 baqa' jirrizulta kontinwament lill-attur nomine u lill-impjegati

tieghu illi kien hemm diversi sommom ohra mhallsa lill-konvenut bhala l-prezz ta' merkanzija tal-attrur nomine illi gew illegalment misapproprijati mill-istess konvenut.

Illi di piu' irrizulta ukoll illi l-konvenut f'diversi drabi talab illi jirtira konsenji ta' prodotti destinati ghall-klijenti tal-attur nomine u tali prodotti gew mizmuma illegalment minnhu u/jew imdawra illegalment ghall-profitt jew vantagg tal-istess konvenut.

Illi interpellat mill-attur nomine jhallas ossia jirrifondi l-flus imselfa lilu jew misapproprijati minnhu u jhallas il-prezz tal-merkanzija misapprijata minnhu, il-konvenut baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas ossija jirrifondi lill-attur nomine is-somma ta' elf lira maltin (Lm1000) rappresentanti bilanc tas-somma ta' elfejn lira (Lm2000) mislufa lilu mill-attur nomine kif fuq inghad.

2. Tillikwida f'somma wahda komplessiva d-diversi somom imhallsa lill-konvenut mit-terzi akkont tad-debiti taghhom lill-attur nomine u

illegalment mizmuma mill-istess konvenut u kif ukoll il-prezz tal-merkanzija mehuda f'diversi granet mill-konvenut u fdati lilu sabiex huwa jikkonsenjhom lit-terzi u li l-istess konvenut ma kkonsenjax lill-istess terzi u zamm u/jew dawwar l-istess merkanzija ghall-profitt jew vantagg tieghu.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-mandati ta' mpediment tas-safar tat-28 ta' Jannar 1994 u tas-9 ta' Frar 1994, tal-mandat ta' sekwestru u ta' Qbid ppresentati kontestwalment u bl-imghax legali mit-28 ta' Jannar 1994 kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi huwa jammetti it-talba ghal bilanc tal-hlas ta' elf lira mislufa.

2. Illi rigward it-tieni u t-tielet talba l-attur dejjem ried pretenzjonijiet oltre dawk illi legitamement gustifikati u dana jidher sahansitra mill-mandat ta' sekwestru, qbid u impediment ta' partenza illi ghamel l-istess attru. Il-konvenut jichad illi huwa ha l-ammonti msemmija.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-30 ta' Mejju 1994 li permezz tieghu giet nominata l-assistenta gudizzjarja Dr. M'Dolores Gauci sabiex tigbor ix-xiehda;

Rat il-verbali tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

**Is-self lill-konvenut**

L-attur nomine qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm1000 li tirrapprezenta l-bilanc mis-somma ta' Lm2000 mislufa lilu. Fin-nota ta' eccezzjonijiet u dikjarazzjoni relattiva, il-konvenut jammetti li jrid ihallas dan il-bilanc. Ghalhekk l-ewwel talba qed tigi milqugha.

**<u>Il-flus mizapproprjat</u>**

Il-konvenut kien impjegat bhala *sales representative* mas-socjeta` attrici u bhala tali kien idur il-hwienet u jbiegh jew jircievi ordnijiet ghall-bejgh tal-prodotti tas-socjeta` attrici. Diversi klijenti kienu qeghdin jaghmlu pagamenti lill-konvenut li ma bediex jghaddihom lis-socjeta` attrici u minflok izommhom ghalih. Dan il-konvenut ammettieh sew fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu (ara xiehda ta' l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo tas-7 ta' Marzu 1995 a fol. 43 sa 45 u kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' l-20 ta' April 1994 a fol. 46 u 47), sew fid-dikjarazzjoni li huwa ffirma (Dok. IC 2 a fol. 32), kif ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu (a fol. 12). Il-kontestazzjoni tieghu hija fis-sens li huwa accetta li l-ammont ta' flus li ha kien ta' Lm2600 (kif kwantifikati fil-lista annessa mad-Dok. IC 2 a fol. 33) u li mhux minnu li ha somma akbar.

Is-socjeta` attrici pproduciet bhala xhud, fost ohrajn, lil Ivan Camilleri, il-*financial controller*. Huwa xehed li kien tqabbad mill-Bord tad-Diretturi biex janalizza d-dokumenti u jistabilixxi l-ammont mizapproprjat. Huwa analizza t-tranzazzjonijiet kollha tal-klijenti li kien jisservizzja l-

konvenut. Analizza d-*debits* u l-*credits*. Irrizultalu li l-ammont ta' flus mizapproprjat kien dak indikat fid-Dok. IC 1 li huwa esebixxa (a fol. 29 sa 31). Esebixxa wkoll id-dikjarazzjoni li ffirma l-konvenut (Dok. IC 2) fejn dan iddikjara li jobbliga ruhu jirrifondi s-somma ta' Lm2000 mislufa lilu kif ukoll li jirrifondi s-somma li gabar minghand il-klijenti u li approprja ghalih, somma li tirrizulta mil-lista annessa mad-dikjarazzjoni fl-ammont ta' Lm2601.10. Fid-dikjarazzjoni qieghed ighid li *"the attached list is exhaustive and that I have not misappropriated any other monies paid to me by Michele Peresso Ltd.'s clients"*.

Is-somma li Ivan Camilleri xehed li rrizultalu mizapproprjata hija dik rizultanti fid-Dok. IC 1 fl-ammont ta' Lm5514.40,6. In sostenn ta' dan huwa esebixxa *file* (id-Dok. IC 3 konsistenti f'163 faccata dwar l-*items* li hemm riferenza ghalihom fid-Dok. IC 1. Huwa ddeskriva kull *item* fix-xiehda tieghu u kkonferma l-ammonti li ma thallsux lis-socjeta` attrici mill-konvenut. Is-socjeta` attrici pproduciet ukoll diversi klijenti li kkonfermaw il-pagamenti li kienu jhallsu lill-konvenut.

Kif diga` ntqal, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-konvenut cahad li ha ammonti ulterjuri jew li ma tax kont ta' ammont akbar. Inoltre fid-dikjarazzjoni tieghu tat-28 ta' Jannar 1994 qal li l-lista annessa mad-dikjarazzjoni kienet "exhaustive". Pero` mbaghad ma ressaq l-ebda prova

biex isostni d-dikjarazzjoni tieghu; ma ghamel l-ebda tentattiv biex jirribatti x-xiehda ta' Ivan Camilleri u d-dokumenti esibiti. Mill-banda l-ohra din ix-xiehda kienet ezawrjenti korroborata mid-dokumentazzjoni minnu esibita u sostanzjata wkoll minn numru ta' xhieda prodotti mis-socjeta` attrici. Id-dikjarazzjoni tat-28 ta' Jannar 1994, nonostante li tghid li l-lista hija "exhaustive", ma tistax tipprekludi lis-socjeta` attrici, kif fil-fatt ghamlet, milli turi li l-ammont attwalment dovut huwa akbar minn dak li ffirma ghalih il-konvenut. Wara kollox is-socjeta` attrici ma rrinunzjatx ghal xi somma akbar li setghet tirrizulta dovuta.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti se tillikwida l-ammont mitlub skond it-tieni taklba fl-ammont ta' Lm5514.40, rapprezentanti s-somma komplessiva li l-konvenut dawwar ghalih.

Dwar is-somma indikata fid-Dok. IC 1 bhala *traffic fines*, din ma tidholx fit-termini tat-tieni talba attrici u ghaldaqstant ma tistax tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) fuq l-ammissjoni tal-konvenut tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ Lm1000 rapprezentanti bilanc ta’ ammont akbar misluf lilu, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,

(2) tillikwida d-diversi somom imhallsa lill-konvenut mit-terzi akkont tad-debiti taghhom lis-socjeta` attrici u llegalment mizmuma mill-istess konvenut fl-ammont ta’ Lm5514.40,

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici din is-somma hekk likwidata ta’ Lm5514.40 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef**

**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**